# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta (6) ta' Ġunju 2023**

**Rikors Numru 141/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Gabriella Mangion (K.I. 516587M)**

**Vs**

**Stefan Spiteri (K.I. 291284M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Frar 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

*Dikjarazzjoni tal-fatti*

1. *Peress illi l-intimat għandu jħallas lil-attriċi s-somma kumplessiva ta' tmienja u għoxrin elf, u mija u ħamsa u tletin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (Euro 28,135.91), rappreżentanti self brevi manu li sar qabel llum f'diversi okkazzjoniijiet u fuq talba tal-intimat stess;*

2. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti hija personalment.*

*Raġuni għat-Talbiet f' dawn il-proċeduri*

3. *Peress illi l-intimat ġie nterpellat għall-ħlas tal-ammont hawn fuq imsemmi diversi drabi baqa' nadempjenti;*

4. *Peress illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimat m'għandhux eċċezzjonijiet validi x' jagħti għat-talbiet attrici;*

*Talbiet tar-rikorrenti*

*Jgħid l-ntimat għar-raġunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din il-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

1. *Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 - 171 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

2. *Tikkundanna lill-intimat jħallas l-ammont kumplessiv ta' tmienja u għoxrin elf, u mija u ħamsa u tletin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (Euro 28,135.91), flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 2019 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru 2019, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u l-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 134/2020TA, kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2020, wara illi t-termini legali kienu ġew lkoll sospiżi ex lege minħabba l-egħluq tal-Qrati in vista tal-pandemija, din il-Qorti awtorizzat lill-intimat jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu.

3. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2020 l-intimat irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi fl-ewwel lok mhux minnu illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €28,135.91c rappreżentanti self brevi manu mogħti lilu minnha kif qed issostni hi f'diversi okkażjonijiet*

   2. *Illi hija r-rikorrenti illi hija debitriċi tal-intimat fis-somma ta' €32,422.48c*

   3. *Illi għandu jingħad illi 1-kontendenti kienu konviventi għal dawn l-aħħar sitt snin u minn din ir-relazzjoni tweldilhom Jacob Joseph Spiteri Mangion li llum għandu sitt snin.*

   4. *Illi f'April 2019, ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiċċat u huwa telaq mid-dar tar-rikorrenti u mar joqgħod f'fond ieħor.*

   5. *Illi jirriżulta illi l-intimat huwa semi inalfabeta u l-affarijiet finanzjarji tiegħu kienu amministrati mill-istess rikorrenti tant li hija kellha l-key tal-kont tiegħu mal-Bank of Valletta PLC 40012794209 u kellha kontroll totali fuq il-finanzi tiegħu, tant illi kull xahar r-rikorrenti stess kienet titrasferixxi il-flus kollha ta' l-esponenti f'kont tagħha la darba hija kellha l-aċċess.*

   6. *Illi jirriżulta illi minn dan l-istess kont ir-rikorrenti ġibdet tul dawn l-aħħar sitt snin mill-25 ta' Diċembru 2014 sad-19 ta' Frar 2019 is-somma ta' €32,422.48c li jistgħu faċilment jingħaddu mill-istatements of account annessi u mmarkati Dokument A1 sa Dokument A19.*

7. *Illi fit-12 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrenti irritornat is-somma ta' €6,000 kif jirriżulta mill-istatements of account u għalhekk mhux talli l-esponenti m'huwiex debitur tar-rikorrenti imma semmai hija hi li hija debtriċi tiegħu għas-somma ta' €26,422.48c li qatt ma ġew ritornati lilu.*

8. *Illi huwa m'għandu jagħtiha xejn imma semmai hija hi li hija debitriċi ta' l-esponenti għas-somma ta' €26,422.48c, liema somma ser jitlob permezz ta' kontro talba.*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

4. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2020 stess, l-intimat ipprezenta wkoll kontro-talba fejn talab is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti kien f'relazzjoni amoruża mar-rikorrenti Gabriella Mangion.*

2. *Illi tul is-snin li fihom l-esponenti dam f'relazzjoni mal-imsemmija Gabriella Mangion, senjatament tul l-aħħar sitt snin tar-relazzjoni, hija kellha aċċess għall-kontijiet bankarji tiegħu tant illi l-internet key tiegħu kienet f'idejha u kienet tħaddimha hi biss.*

3. *Illi tul dawn is-snin kollha kienet r-rikorrenti rikonvenzjonata li kellha l-kontroll assolut fuq il-finanzi tiegħu u kienet titrasferixxi direttament mill-kont tiegħu għall-kont tagħha is-somom kollha li kien jirċievi l-esponenti.*

4. *Illi hija ttrasferit mill-kont ta' l-esponenti għall-kont tagħha s-somma ta' €32,422.48 u dan kif jirriżulta mill-annessi bank statements maħruġa mill-Bank of Valletta PLC dok A1 sa A19 hawn annessi.*

5. *Illi minn din is-somma r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet ħallsitu lura s-somma €6,000 u għalhekk hija debitriċi tiegħu għas-somma ta' €26,422.48 u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża*

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, taqta' u tiddeċiedi din il-kontro-talba billi;*

1. *Tiddikjara illi Gabriella Mangion hija debitriċi ta' l-esponenti għas-somma ta' €26,422.48 oltre l-imgħax legali;*

2. *Tikkundanna lill-Gabriella Mangion tħallas lill-esponenti s-somma ta' €26,422.48.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

5. Rat illi fil-21 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti irrispondiet għal dak mitlub fil-kontro-talba billi:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-esponenti rikonvenzjonata tikkonferma li huwa minnu li hija kienet f'relazzjoni amoruża mal-intimat għall-perjodu ta' circa tmien snin, liema relazzjoni ntemmet f'Jannar tas-sena 2019, u li matul liema perjodu kienu jgħixu flimkien, kif ukoll kellhom tifel minn dina r-relazzjoni u li llum għandu l-eta ta' sitt snin.*

2. *Fir-rigward tat-tieni premessa l-esponent rikonvenzjonata tikkonferma li l-internet key tal-kont bankarju u l-istess kont bankarju ntestat fuq isem l-intimat kienet tħaddimha hi fuq struzzjonijiet tal-intimat, pero dan mhux limitatament hi kif qed jiġi allegat. L-intimat kien juża wkoll l-imsemmija internet key u l-istess kont u kienet ukoll aċċessibbli għalih bla xkiel. L-intimat kien ukoll juża l-karta ta' kreditu abbinata mal-imsemmi kont liberalment.*

3. *Fir-rigward ta' premessa numru tlieta l-esponenti rikonvenzjonata tiċħad bl-aktar mod ferm li hija kellha kontrol assolut fuq il-kont bankarju tal-intimat u dana kif ser jkun ippruvat dettaljatament fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawża.*

4. *Jrid jingħad illi kien hemm ftehim bejn il-kontendenti li l-paga tal-esponenti rikonvenzjonata u li hija kienet tirċievi permezz ta' cheque bankarju tal-HSBC, dan kien jissarraf mill-intimat nnifsu kull xahar u jkun depożitat minnu fil-kont bankarju tiegħu. Immedjatament wara l-esponenti rikonvenzjonata kienet tagħmel bank to bank transfer tal-paga tagħha mill-kont tal-intimat għall-kont bankarju tagħha, sabiex imbagħad b'mod immedjat tħallas il-loan bankarju tagħha mal-Bank of Valletta PLC. Dan kollu kien jsir sabiex ma kinux joqgħodu jistennew iċ-cheque clearance ta' tlett ijiem mill-bank HSBC minħabba li l-pagament tal-loan kien jkun dovut fl-istess żmien li r-rikorrenti rikonvenzjonata tirċievi l-paga biċ-cheque mingħand l-employer tagħha. Dan it-trasferimenti allura kienu jsiru fi ftehim bejn il-kontendenti, u peress ukoll li minħabba li l-esponenti rikonvenzjonata kienet taħdem kuljum u ma kienx jkollha ċans tmur ssarraf il-paga hija nnifisha.*

5. *Illi oltre', l-intimat kien ukoll jirievi l-għajnuna soċjali fil-kont bankarju tiegħu, li imbagħad kienet tgħaddi fil-kont tal-esponenti rikonvenzjonata, u dana bi ftehim magħha. In segwitu, tramite l-karta ta' kreditu bankarju tagħha kienu jitħallsu l-ispejjeż tal-ħajja tal-kuljum u oħrajn peress illi l-kontendenti f'dawn iż-żminijiet kienu jgħixu flimkien u kienu jaqsmu l-ispejjeż daqs li kieku kienu miżżewġin.*

6. *Illi noltre', dejjem fuq struzzjonijiet tal-intimat, l-esponenti rikonvenzjonata kienet ukoll tħallas kull kont u spejjeż oħra li kien jkun responsabbli għalihom l-intimat.*

7. *Illi r-raġuni vera u propja għaliex il-kont tal-intimat kien ukoll ta' spiss jitnaddaf, kien propju minħabba struzzjonijiet tal-istess intimat u dana sabiex ma jkunx qed jidher li għandu dħul ulterjuri minn xogħol ieħor peress li kien qed jirċievi l-għajnuna soċjali mingħand il-Gvern. Illi għalhekk il-pretensjoni tal-intimat f'dina l-kawża, apparti li huma frivoli*

*u vessattorji kif ser jkun ppruvat, jista' jagħti l-każ ukoll li huma milquta minn kawża illeċita.*

8. *Illi in rigward il-premessa numru ħamsa, l-esponenti tiċħad bil-qawwa kollha li ħallsitu s-somma ta' sitt elef ewro għaliex kienet debitriċi lejh kif falsament allegat, imma għall-kuntrarju dan l-ammont kien biss misluf lilu mill-esponenti rikonvenzjonata fuq insistenza tiegħu. Dan l-ammont fil-fatt huwa wkoll il-mertu in parti tar-rikors ġuramentat promotur u dana kif ser jkun dettaljatament ippruvat fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawża.*

9. *Illi fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet tal-intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante u li dina l-kontrotalba tiegħu hija waħda frivola u vessattorja ntiza biss li tinnewtralizza l-ammont pretiz mir-rikorrenti rikonvenzjonata fir-rikors guramentat tagħha.*

10. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.*

## Provi:

6. Rat l-affidavit ta' **Gabriella Mangion** ipprezentat fid-19 ta' Novembru 2020 (fol 142).

7. Rat id-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' Gabriella Mangion (fol 145 *et sequitur*).

8. Rat l-affidavit ta' **Stefan Spiteri** ippreżentat fl-1 ta' Frar 2022 (fol 250).

9. Rat id-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Stefan Spiteri (fol 256 *et sequitur*).

10. Semgħet ix-xhieda ta' Gabriella Mangion in kontro-ezami tat-12 Lulju 2022 (fol 267).

11. Semgħet ix-xhieda ta' Stefan Spiteri in kontro-eżami tat-12 ta' Lulju 2022 (fol 277).

12. Rat li fit-12 ta' Lulju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li jingħalqu l-provi tal-partijiet.

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Gabriella Mangion ippreżentati fis-17 ta' Mejju 2023, għalkemm gie indikat fil-15 ta' Novembru 2022 illi kopja ta' tali sottomissjonijet kienu gia ingħaddew lill-kontroparti.

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Stefan Spiteri ippreżentata fil-15 Novembru 2022 (fol 286).

15. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2022, il-kawża thalliet għas-sentenza

## Fatti tal-kaz

16. Jirriżulta li il-partijiet kienu f' relazzjoni amoruża u konviventi għal diversi snin, 'il fuq minn sitt snin, u minn din ir-relazzjoni kellhom wild bl-isem Jacob Joseph Spiteri Mangion.

17. Jirriżulta li r-rikorrenti esebiet Dok B fol 5 *et sequitur*, li juru varji pagamenti illi hija għamlet lill-intimat permezz tal-BOV internet banking. Jirriżulta wkoll li hija ħallset €6000 lill-intimat permezz ta' bank draft, Dok C fol 18. Jirriżulta wkoll li hija għamlet varji pagamenti lill-intimat ukoll permezz ta' Revolut, kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur, Dok D (fol 19). Ir-rikorrenti esebiet, bhala ukoll Dok E a fol 24 tal-process, ħlasijiet lil Frank Borda Limited , li minnhom kien hemm li saru minnha u ppresentat statement tal-Bank of Valletta in sostenn ta' tali pagamenti li saru.

18. Jirriżulta li r-rikorrenti kienet tiġġestixxi il-kontijiet tal-intimat billi kellha l-'*internet key*' tal-kont tiegħu, u wara li kienu jidħlu iċ-ċekkijiet tar-relief fil-kont tal-intimat, hija kienet tittrasferihom fil-kont tagħha, u dan għar-raġunijiet miftiehma bejn l-istess kontendenti.

19. Jirriżulta li ir-rikorrenti qiegħda ssostni li hija sellfet lill-intimat is-somma ta'tmienja u għoxrin elf, mija hamsa u tletin Ewro u wiehed u disgħin ċenteżmu (€ 28,135.91) rappreżentanti self f' *brevi manu* li sar f'diversi okkażjonijiet fuq talba tal-intimat, kif fuq gia indikat, fosthom biex tħallaslu l-karozza tiegħu.

20. Jirriżulta min-naħa l-oħra li l-intimat esebixxa statements bankarji tal-bank of valletta Dok A1 sa A19 mar-risposta, li juru li bejn il-25 ta' Dicembru 2014 u id-19 ta' Frar 2019, ir-rikorrenti ġibdet minn kont tiegħu l-ammont ta' tnejn u tletin elf erba' mija tnejn u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€32,422.48).

21. Jirriżulta ukoll li r-rikorrenti irritornat is-somma ta' sitt elef Ewro (€6000) fit-12 ta' Ottubru 2019 lill-intimat, kif jirriżulta mill-istess *statements of account* esebiti mill-intimat.

22. Jirriżulta li r-rikorrenti bagħtet ittra ufficjali lill-intimat tat 13 ta' Novembru 2019 Dok F (fol 36) fejn talbet l-ammont ta'disgħa u tletin elf seba' mija tnejn u tmenin Ewro u wiehed u erbgħin ċenteżmu (€ 39,782.41),u l-intimat baqa' inadempjenti.

**Ikkunsidrat**

23. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qegħda, permezz tal-azzjoni prezenti, titlob li tithallas lura l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf mija hamsa u tletin Ewro u wiehed u disgħin ċenteżmu (€ 28,135.91) għas-self brevi manu li hija allegatament sellfet lill-intimat.

24. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat qieghed jitlob għal-ħlas ta' sitta u għoxrin elf erba' mija tnejn u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€26,422.48) oltre` l-imgħax legali, bħala bilanc ta' flejjes minnha mibuda mill-kontijiet tiegħu u mhux ritornati.

**Konsiderazzjonijiet**

25. Ir-rikorrenti tisħaq illi hija sellfet lill-intimat l-ammont pretiż fir-rikors promutur. In sostenn għal dan, hija esebiet varji pagamenti li hija ghamlet lill-intimat permezz tal-BOV internet Banking, kif ukoll bank draft tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' sitt elef ewro (€ 6,000) datat 12 ta' Ottubru 2019, varji pagamenti li saru permezz tar-Revolut,

kif ukoll statement ta’ Frank Borda Limited ta’ l-intimat flimkien ma’ statement tal-bank tagħha fejn juru pagamenti illi hija ghamlet mill-kont tagħha.

26. Mil-banda l-ohra, l-intimat kemm fir-risposta u fil-kontro-talba, jinnega dan, anzi isostni, li m'huwiex debitur tar-rikorrenti anzi sostna li r-rikorrenti hija debitriċi tiegħu għas-somma ta’ sitta u għoxrin elf, erba’ mija u tnejn u erbgħin ewro, u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€ 26,442.48). Bħala prova għal dak mitlub minnu anke fit-talba rikonvenzjonali, ġew esebiti ‘statements of account’ tal-Bank of Valletta, Dok A 1 sa Dok A19 liema statements, ikopru il-perjodu ta’ konvivenza tal-partijiet, u cjoe` il-perjodu mill-25 ta’ Dicembru 2014 sad-19 ta’ Frar 2019. Dawn l-istatements juru l-ammonti miġbuda mir-rikorrenti, l-ammont totali ta’ € 32,422.48, tul dawn is-snin u kif ukoll is-somma ritornata lilu, fl-ammont ta' sitt elef Ewro ( € 6000) fit-12 ta’ Ottubru 2019.

27. IL-Qorti tibda billi tosserva li huwa principju assodat li min jallega irid jipprova. Infatti, hija regola generali, li l-piz tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Vol. XXXVII-I-578.

28. Hawnhekk, fil-każ in eżami, iż-żewġ kontendenti itennu li il-parti l-oħra hija debitur/debitriċi fil-konfront ta’ kull wiehed minnhom. Il-partijiet ressqu il-provi da parti tagħhom sabiex juru

    a. Is-self ossija hlasijiet li saru da parti tar-rikorrenti lill-intimat, u dan gie ippruvat mir-rikorrenti mid-dokumentazzjoni minnha ppresentata; u

    b. It-trasferimenti finanzjarji li saru mill-kontijiet ta’ l-intimat, meta r-rikorrenti ġibdet flus regolarment mill-kont bankarju tal-intimat fis-snin ta' konvivenza ta' bejniethom, u dan kien qed isir għal raġunijiet miftehma bejn il-partijiet, liema trasferiment giet ippruvati mill-intimat fil-kontro talba tiegħu mid-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

29. Għalhekk, jidher li l-partijiet anke fix-xhieda tagħhom, qed jagħtu verżjonijiet konfliġġenti u kontrastanti għal xulxin.

30. Ir-rikorrenti Gabriella Mangion, fl-affidavit tagħha, issostni li Stefan Spiteri kien baqa' jiġri warajha sabiex tħallaslu l-karozza kollha, li kien xtara fuq ‘*hire purchase*’ mingħand Frank Borda Limited. Hija sostniet li anke id-depożitu ta' din il-vettura kienet ħallsitha hi, ir-riċevuti tal-ħlasijiet tal-vettura ħarġu fuq Stefan Spiteri, iżda il-bank statements juru li l-pagamenti saru mill-kontijiet tagħha. Ir-rikorrenti tagħmel referenza għal Dok 27 anness mal-affidavit tagħha, fol 212 tal-process.

31. L-intimat Stefan Spiteri, da parte tiegħu, fl-affidavit tiegħu, sostna li wara sentejn joqogħdu fid-dar tiegħu, spustaw ruħhom għad-dar ta' Gabriella u spjega li huwa kien jafdaha tant illi kien iħalli f'idejha l-affarijiet finanzjarji, fejn setgħet tidħol fil-kont bankarju tiegħu, u tieħu l-flus meta trid. Huwa sostna wkoll li id-dħul tiegħu kien jikkonsisti fil-paga li kien jirċievi mingħand oħtu Ursula Ellul Sullivan, u kif ukoll il-kirja li kien jirċievi tal-post tiegħu li imbagħad kien jikri. Għalhekk, huwa sostna li l-flus li kien jaqla' ma tantx kien igawdihom. Dwar l-ammonti tat-trasferimenti li saru tal-Bank of Valletta u ta' Revolut favur tiegħu, huwa jikkontestahom peress li jgħid li dawn it-trasferimenti saru meta r-relazzjoni tagħhom kienet intemmet.

32. Għalkemm huwa inkontestat li r-rikorrenti ghaddiet flejjes lill-intimat, ma huwiex ikkontestat ukoll dak li l-intimat isostni, ossija li r-rikorrenti kienet tamministra flusu, u kienet tigbed il-flus mill-kont bankarju tiegħu.

33. Għalkemm, ir-rikorrenti tammetti li hija kienet tigbed il-flus mill-kont bankarju tal-intimat, hija issostni li kienet tagħmel hekk fuq istruzzjonijiet tiegħu, u sostniet, li l-ammonti preċiżi fir-rikors promotur huwa self li jmur oltre` minn dak l-ammont li hija kienet ġibdet mill-kont bankarju ta' Stefan Spiteri, matul is-snin tal-konvivenza tagħhom.

34. F'kaz ta' xhieda kontrastanti, u zewg verzjonijiet differenti, fil-gurisprudenza, fosthom fil-kaz **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deciz mill-Prim Awla (JRM) fis-26 ta' Settembru 2013, gie ribadit hekk:

> *"..il-parti attrici għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-permessi għat-talbiet tagħha b'mod li jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-helsien tal-parti imharrka (Ara App. Inferjuri **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca** – 12 ta' Jannar 2001). Il-fatt li l-parti imharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma ifissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' tagħzel li toqgħod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti imharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li parti imharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaqx provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha. (Ara Appell Inferjuri **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil** (PS – 7 ta' Mejju 2010)."*

35. Hekk ukoll fil-kaz **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' April 2007, ingħad:

> *"il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu mogħti il-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinciment tiegħu. (Ara wkoll **Dr. Ian Vella Galea noe vs Alistair Tulloch Robert Clifford**, Prim Awla (JZM) deciza fis-26 ta' Mejju 2016).*

36. F'dan il-kuntest, huwa relevanti wkoll il-kaz **Martin Cassano vs Alessandro Cassano** deciz mill-Prim Awla (JZM) deciza fl-14 ta' Lulju 2016, fejn intqal:

> *"Il-gudikant fil-kamp civili għandu jiddeciedi fuq il-provi li ikollu quddiemu, u meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal għandu ifittex, u mhux fuq semplice possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhall ahija bazata fuq il-preponderanza ta' probabiltajiet."*

37. Kif ritenut ukoll fil-kaz **Moviment Azzjoni Socjali vs Noel Borg** (9188/2007/1) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2014:

> *"Din il-Qorti tgħid li għal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li ikun ge spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja* ***Borg vs Bartolo*** *deciz mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-25 ta' Ġunju 1980. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dakli bizzejjed li ikun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabiltajiet."*

38. Ghal dak illi ghandu x'jaqsam mal-kaz odjern, jigi rilevat illi minkejja l-fatt li kemm ir-rikorrenti u l-intimat Stefan Spiteri ma jaqblux fuq l-ammonti ta' flus pretizi, li jiffurmaw parti ta' din il-vertenza, jidher li jaqblu fuq il-fatt, li huma kellhom relazzjoni amoruza, u kienu konviventi għal sitt snin shah, fejn iz-zewg partijiet isostnu, li huma kienu jaqsmu l-ispejjez ta' kuljum bejniethom bhal mizzewgin, tant li kellhom l-ispejjez ta' binhom Jacob u kif ukoll ta' bint ir-rikorrenti bl-isem Valentina Catrina Rapinett Mangion.

39. Għalhekk, meta ikkunsidrati l-provi, id-dokumenti u l-verzjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti tqis, li l-amministrar tal-flejjes tal-kontendenti, ma kienx parti biss minn kuncett ta' self brevi manu minn persuna estranea ghal persuna estranea ohra, izda kienu self u trasferimenti finanzjarji magħmula matul l-istess relazzjoni amoruza tal-partijiet, bi ftehim bejn l-istess kontendenti, kien x'kien il-ftehim ta' bejniethom.

40. Fil-fatt din il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha dwar dan, fis-sens li mhijiex ser tidħol fl-ispeċifikar tal-ftehim finanzjarju li kien hemm bejn il-partijiet u fir-raġunijiet u motivi ta' wara dan il-ftehim. Dan għaliex, kwalunkwe ftehim li kien eżistenti matul il-konvivenza tagħhom, ma jiffurmax parti saljenti mill-mertu tal-każ in dizamina. Il-punt prinċipali li jrid jiġi deċiż jikkonċerna l-ammonti mitluba fir-rikors u fit-talba rikonvenzjonali.

## Ikkunsidrat

41. Jirriżulta li ż-żewġ partijiet ressqu provi dokumentarji suffiċjenti għas-sodisfazzjon tal-Qorti, dwar il-flejjes minnhom pretiżi. Preċiżament, ir-rikorrenti ippreżentat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors promotur, minn fol 5 sa 35 tal-process. Hija reġgħet irriproduċiet uħud minn dawn id-dokumenti mal-affidavit tagħha. Għalhekk, jinsab indubbjament ippruvat li dawn l-ammonti li jidhru f'dawn id-dokumenti ingħataw lill-intimat Spiteri, u l-ammont totali huwa ta' tmienja u għoxrin elef, mija hamsa u tletin ewro u wiehed u disgħin ċenteżmu (€ 28,135.91). Jidher evidentement, ukoll mill-korrispondenza fuq il-mowbajl ċellulari, li kienet għaddejja mal-pattijiet, li Stefan Spiteri kien jitlob lir-rikorrenti għajnuna finanzjarja, saħansitra anke wara li intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, għaliex dan jidher mic-chat messages esebiti.

42. Mill-banda l-oħra, l-intimat ma strahx biss fuq il-verżjonijiet tiegħu. Iżda, ressaq ukoll prova għas sodisfazzjon tal-Qorti, ossija id-okumenti Dok A1 sa A19 fol 48 sa 132 tal-process, li juru evidentement, il-flejjes mahruga mill-kont tiegħu fl-ammont ta' tnejn u tletin elf erba' mija tnejn u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€ 32,422.48) u l-ammont depozitat mir-rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€ 6000). Infatti, fit-talba rikonvenzjonali, qed jintalab l-ammont ta' sitta u għoxrin elef erba' mija tnejn u

għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€26, 422,48) għaliex tnqqas l-ammont ta' sitt elef Ewro (€ 6,000) li gie depozitat fil-kont tiegħu mill-istess rikorrenti.

43. Għaldaqstant, għall-motivi hawn fuq spjegati, din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti, u kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali, għaliex l-ammonti hemmhekk pretizi gew ippruvati t-tnejn li huma b'dokumentazzjoni għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

44. Referibbilment, għall-imgħax mitlub mir-rikorrenti fit-talba tar-rikors promotur, ossija li l-imgħaxijiet legali jkunu dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tat 13 ta' Novembru 2019, din il-Qorti m'hijiex ser tilqa' din it-talba għall imgħaxijiet kif mitluba. Jiġi osservat, di fatti, li fl-ittra uffiċjali imsemmija esebita fol 36 tal-process, l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali huwa differenti minn dak mitlub f'din il-proċedura. Għalhekk, tiċħad it-talba għall imgħaxijiet kif dedotta, u tiddikjara li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

45. Konsegwentement, din il-Qorti ser tipprocedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti Gabriella Mangion kif dedotta fir-rikors promotur għall-ammont ta' tmienja u għoxrin elf mija hamsa u tletin Ewro u wiehed u disgħin ċenteżmu (€ 28,135.91) u tilqa' t-talba rikonvenzjonali ta' Stefan Spiteri fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, erba' mija tnejn u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€ 26,422.48).

46. Il-partjiet, wara li tinghata s-sentenza, jistghu jipprocedu biex jaghmlu l-konteggi biex dak dovut aktar lir-rikorrenti jigi mhallas.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet taz-zewgt partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** it-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur u tikkundanna lill-intimat Stefan Spiteri iħallas lill Gabriella Mangion l-ammont kumplessiv ta' **tmienja u għoxrin elf, mija hamsa u tletin Ewro u wiehed u disgħin ċenteżmu (€28,135.91)**.

Bl-ispejjeż kompriżi tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru 2019 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 134/2020TA.

**Tilqa'** t-talbiet rikonvenzjonali ta' l-intimat u tiddikjara u tikkundanna li ir-rikorrenti Gabriella Mangion thallas lill Stefan Spiteri l-ammont kumplessiv ta' **sitta u għoxrin elf, erba' mija tnejn u għoxrin elf u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€ 26,422.48)**.

**L-ispejjez kollha** għall-proceduri odjerna għandha jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Imghax huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur